## 21 ta' Mejju, 1993

## Imħallef: –

## Onor. Frank G. Camilleri LL.D.

Maria Pace *pro et noe*

*versus*

Joseph Abela

### Preskrizzjoni – Fatalità – *Lucrum Cessans* – Likwidazzjoni

*Għall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-liġi u l-ġurisprudenza jiddistingwu tliet kwalitajiet ta' danni:*

*1. Dawk li jiġu minn reati veri u proprji, jiġifieri minn fatti li huma punibbli kriminalment, f'dan il-każ li preskrizzjoni ċivili hija dik ta' l-azzjoni kriminali.*

*2. Dawk li jiġu minn fatti li la huma reati u lanqas ma huma inadempjenza kuntrattwali: f'dan il-każ il-preskrizzjoni applikabbli hija ta' sentejn; u*

*3. Dawk li jidderivaw minn inadempjenza kuntrattwali: f'dan il-każ hija applikabbli l-preskrizzjoni ta' l-istess obbligazzjoni.*

*Il-Qorti fissret il-kriterji li jitqiesu fil-likwidazzjoni ta' danni konsistenti f'lucrum cessans li jirriżultaw minn mewt ta' raġel u missier f'inċident awtomobilistiku.*

*It-taxxa fuq l-income u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li l-mejjet kien ikollu jħallas kieku baqa' ħaj ma humiex fatturi li għandom*

*jitqiesu fil-kalkolu tal-qligħ futur.*

*Għalkemm il-mara tal-mejjet ma hix eredi tiegħu, hi xorta għandha l-jedd li tieħu f'isimha proprju sehem mid-danni likwidati, ekwivalenti għan-nofs.*

Il-*Qorti*: –

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attriċi *proprio et nomine* li biha, wara li ppremettiet li fit-13 ta' Diċembru 1985 waqt li l-konvenut kien qed isuq karozza numru T – 6044 ġo Triq iż-Żejtun, Marsaxlokk, f'xi d-9.30 p.m. b'negliġenza, traskuraġni, imperizja u *nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku* ħabat ma' karozza misjuqa minn Michael Pace (żewġ Maria Pace u missier il-minuri Rose u Josanne) u kkaġuna l-mewt ta' l-istess Michael Pace li miet bl-impatt, u danni oħra li jiġu indikati waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

U li għall-imsemmi inċident jaħti unikament il-konvenut Joseph Abela, li interpellat biex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni ċaħad ir-responsabbilità u naqas li jagħmel dan;

Talbet li, għalhekk, l-istess konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti (1) tiddikjarah unikament responsabbli għall-inċident li ġara fit-13 ta' Diċmebru, 1985 f'xi d-9.30 p.m. fi Triq iż-Żejtun, Marsaxlokk, li fih sofra l-mewt Michael Pace;. (2) tillikwida d-danni kkaġunati lill-atturi mill-konvenut b'riżultat ta' l-istess inċident u (3) tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi is-somma li tiġi hekk likwidata;

Bl-interessi u bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali kontra l-konvenut minn issa inġunt biex jidher u għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u n-nota tax-xhieda ta' l-attriċi *proprio et nomine;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa: (1) In linea preliminari, il-preskrizzjoni *ai termini* ta' l-artikolu 2153 tal-Kap. 16; (2) Subordinatament u bla preġudizzju, l-inċident *de quo* ġara tort unikament tal-mejjet Michael Pace;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u n-nota tax-xhieda tal-konvenut;

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' Awissu 1990 li bih ġie nnominat l-Avukat Dottor Joseph Zammit Mckeon bħala Perit Legali;

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Awissu 1990 li bih ġie sostitwit l-imsemmi Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon bħala perit legali bl-Avukat Dottor Philip Manduca;

Rat ir-rapport peritali ta' l-Avukat Dottor Philip Mandunca kkonfermat bil-ġurament fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 1992;

Rat in-nota ta' Rose Pace ppreżentata fid-29 ta' Jannar 1993 (fol. 113) li biha assumiet l-atti tal-kawża *stante* li saret maġġorenni fis-16 ta' Frar 1992;

Rat ir-rikors ta' l-atturi ppreżentat fid-29 ta' Jannar 1993 u n-nota tagħhom ippreżentata kontestwalment;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Semgħet lid-difensuri jittrattaw il-kawża;

Eżaminat id-deposizzjonijiet;

Ikkunsidrat:

F'din il-kawża, il-konvenut qiegħed jissolleva l-preskrizzjoni fit-termini ta' l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Għall-finijiet tal-preskrizzjoni, il-Liġi u l-ġurisprudenza jiddistingwu tliet kwalitajiet ta' danni: (1) dawk lijiġu minn reati veri u proprji, jiġifieri minn fatti li huma punibbli kriminalment; f'liema każ il-preskrizzjoni ċivili hija dik ta' l-azzjoni kriminali (artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili); (2) dawk li jiġu minn fatti li la huma reati u lanqas ma huma inadempjenza kuntrattwali; f'liema każ il-preskrizzjoni applikabbli hija ta' sentejn (artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili) u (3) d-danni li jidderivaw minn inadempjenza kuntrattwali; f'liema każ hija applikabbli l-preskrizzjoni ta' l-istess obbligazzjoni (App. Ċiv. **Giuseppa Camilleri *et vs* Dr Fco Frendo,** Vol. XII paġ. 144; **Scicluna *vs* Tracey,** Vol. XVII.1.151; **Bugeja *vs* Baldacchino,** Vol. XXI.I.529; u P.A. **Dr. Amadeo Fava *vs* Giuseppa Bonnici,** Vol. XXIX.11.581; **Joseph Bugeja *vs* Anthony Falzon *pro et noe,*** 16 ta' Frar, 1984);

Għalhekk, il-perit legali ddeċieda tajjeb meta kkonkluda li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ikkontemplata bl-artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili u l-artikolu 225 u 668 tal-Kodiċi Kriminali u ċjoè dik ta' ħames snin u mhux il-preskrizzjoni *ai termini* ta' l-artikolu 2153 ta' l-istess Kodiċi, kif jippretendi l-konvenut;

Għalhekk, billi s-sinistru ġara fit-13 ta' Diċembru 1985 u l-azzjoni għad-danni ġiet intavolata fl-20 ta' Ottubru 1989 mhux

il-każ li l-azzjoni tinsab preskritta u, kwindi, l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut qiegħda tiġi respinta bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Ikkunsidrat;

Fl-inċident awtomobilistiku *de quo*, Michael Pace li kien isuq *Mini* Nru. N – 8808 tilef ħajtu. Il-vettura l-oħra involuta fil-ħabta kienet misjuqa mill-konvenut. Jirriżulta li l-karozza *Mini* bħala riżultat tal-kolliżjoni, li kienet *head on*, tfarrket għal kollox u biex jinħareġ minnha l-mejjet kellhom jindaħlu nies imħarrġa f'dan ix-xogħol (ara ritratti esibiti);

Huwa evidentissimu li l-iskontru bejn iż-żewġ vetturi kien mill-iżjed qawwi. Dak li huwa ppruvat mingħajr ebda dubbju f'dan il-każ, huwa li l-konvenut kien qiegħed isuq *wrong side* u, konsegwentement, fil-karreġġjata tal-*Mini* misjuqa minn Pace. Dan jirriżulta ċar mill-pjanta esibita, li hi kopja ta' l-oriġinal li l-A.I.C. Richard Aquilina kien irridieġa fuq inkarigu tal-Maġistrat Inkwirenti li għamel l-Inkjesta dwar l-inċident fatali in diżamina. Fir-rigward ta' din il-pjanta, ma jidher li ġie sottomess xejn bi kritika da parti tal-konvenut;

Il-perit legali wasal għall-konklużjoni li l-fattur li wassal għal din il-fatalità kien proprju dan li għadu kif ingħad u ċjoè li l-konvenut, meta ħabat mal-*Mini*, kien qiegħed isuq *wrong side;*

Din il-Qorti taqbel ma' din il-konklużjoni għaliex bejn din ir-riżultanza, dik ċjoè li l-konvenut kien qiegħed isuq fil-karreġġjata tal-*Mini,* u l-fatalità hemm in-ness ta' kawża u effett. Dan ifisser li l-konvenut għandu jinżamm unikament responsabbli għad-danni kollha konsegwenzjali li sofrew l-atturi;

Ikkunsidrat:

Jirriżulta li l-attriċi Maria Pace hija mart l-imsemmi Michael Pace u li Rose u Josanne huma uliedhom komuni. Jirriżulta wkoll illi dan Michael Pace kien jaħdem mad-dipartiment tas-Saħħa bħala *electrician* u, skond id-dokument *Dok. MP*, huwa kellu s-somma ta' Lm2114.00 fis-sena bħala paga. Jinsab ukoll assodat li bniedem, fl-istess kategorija tal-mejjet, fis-sena 1990 kien jaqla' Lm2270.00 fis-sena;

Il-perit legali, fl-ewwel lok, illikwida l-*lucrum cessans* u dan wasal għalih a bażi tal-metodu stabbilit fil-famuża kawża **Butler vs Heard** u invarjabbilment segwit mill-ġurisprudenza taħgna u, reċentement, ribadit mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza elaborata **Mary Bugeja *noe et* vs George Agius *noe et*,** deċiża fis-26 ta' Lulju, 1991 fejn intqal li, sakemm ma jiġix żviluppat sistema ieħor ta' komputăzzjoni li tagħmel aktar ġustizzja, huwa dan is-sistema li **bħala bażi** għandu jibqa' jiġi segwit;

Meta miet, Michael Pace kellu disgħa u tletin (39) sena. Il-perit ġustament qies li, f'ċirkostanzi normali, Pace kien jibqa' *jirċievi l-paga sa ma jagħlaq wieħed u sittin (61) sena* u, għalhekk, deherlu li għandu japplika "*multiplier*" ta' tnejn u għoxrin (22) sena;

Il-perit legali deherlu wkoll li, meta wieħed jikkonsidra ż-żidiet fil-paga u l-*bonus,* il-ħlas ta' l-*income tax* u l-kontribuzzjonijiet għas-sigurtà Nazzjonali, ikun xieraq *li, fil-każ* in eżami, wieħed jieħu bħala paga medja annwa s-somma ta' Lm2500.00. Inoltre, fil-fehma tiegħu, f'dan il-każ, m'għandux isir is-solitu tnaqqis ta' 20% previst fil-metodu stabbilit fil-kawża

**Butler *vs* Heard** minħabba li d-danni jkunu se jitħallsu f'daqqa iżda, minflok, għandha tiġi operata deduzzjoni ta' 10% biss u dan fuq l-iskorta tas-sentenza **"Carmela Schembri *vs* Alfred Caruana *noe*"**, deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fit-2 ta' April, 1990. Għalhekk, wara li l-perit legali naqqas dawn l-10% u naqqas ukoll l-ekwivalenti ta' terz ( ⅓ ), li jirrappreżenta l-ammont li l-mejjet kien jikkonsma kieku baqa' ħaj, il-komputazzjoni tatu s-segwenti riżultati; (Lm2500 x 22 = Lm55,000 – 10% (Lm5,500) = Lm49,500 – ⅓ (Lm18,333) = Lm31,167 = *Lucrum Cessans;*

Din il-Qorti, però, jidhrilha li għandha tagħmel xi aġġustamenti għal din il-likwidazzjoni;

Fl-ewwel lok, jingħad li din il-Qorti ma taqbilx mal-perit legali fir-rigward ta' l-ammont ta' Lm2500.00 fis-sena meħud bħala bażi għal dik li hija l-paga medja tal-mejjet u jidhrilha li, fuq firxa ta' tnejn u għoxrin (22) sena, kien ikun aktar realistiku kieku ħa bħala paga medja annwali s-somma ta' Lm2900.00, jiġifieri kieku żied l-ammont b'erba' mitt lira (Lm400.00);

Bir-rispett kollu lejn il-perit legali, l-*income tax* u l-kontribuzzjonijiet tan-*National Insurance* li l-mejjet kien ikollu jħallas kieku baqa' ħaj m'humiex fatturi li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni meta wieħed jiġi biex jistabbilixxi l-paga medja annwali tiegħu għall-finijiet tal-komputazzjoni tal-qligħ futur. Dan il-punt ta' l-*income tax* diġà ġie deċiż fis-sens aċċennat minn din il-Qorti (P.A. **Carmela Muscat *et vs* Francis Schembri *et*,** 27-1-1972; **Avukat Dr Giov. Bonello *noe vs* Tarcisio Gatt,** 31 ta' Lulju, 1980). Fir-rigward tas-Sigurtà Nazzjonali, imbagħad, ġie dejjem ritenut li ammonti li wieħed jipperċepixxi mill-Fond tan-*National Insurance* matul il-ħajja lavorattiva

tiegħu m'għandhomx jivvantaġġjaw lid-danneġġjant għaliex dawn huma l-korrispettiv tal-kontribuzzjonijiet li, għalhekk, m'għandhomx jiffavorixxu lid-danneġġjat għall-istess raġuni (P.A. **Lawrence Schembri *pro et noe vs* Vincent Raimondo,** 14-7-1971). Għalhekk, l-ammont ta' Lm2900.00 bħala paga medja annwali din il-Qorti qiegħda tasal għalih indipendentement minn kull *income tax* u kontribuzzjonijiet li kienu jkun talvolta dovuti minn Michael Pace matul il-ħajja lavorattiva tiegħu;

Din il-Qorti lanqas ma' tista' taqbel mal-perit legali fir-rigward tad-deduzzjoni ta' l-20% minħabba l-*lump sum payment*. Huwa veru li din il-Qorti, diversament ippresjeduta, fil-kawża ppreċitata **Carmela Schembri *vs* Alfred Caruana** kienet abbraċċjat is-sottomissjoni ta' l-attriċi li d-deduzzjoni ta' l-20% għad-*down payment* ma kellhiex issir; iżda l-każ kien *toto coelo* *differenti minn dak odjern. Infatti, f'dik* il-kawża l-proċeduri kienu ilhom pendenti quddiem il-Qorti sa mill-1971 u, għalhekk, il-Qorti dehrilha li l-attriċi ma kienx ser ikollha l-benefiċċju tal-*lump sum payment* għaliex l-inċident kien ġara kważi għoxrin (20) sena qabel. "Kienu d-danni ngħataw fi żmien raġonevoli", kompliet tgħid il-Qorti, "l-attriċi kienet tiggwadanja imgħaxijiet fuqhom, li jammontaw għal aktar mill-kwint li solitu jitnaqqas minħabba l-*lump sum payment;*

Fis-sentenza aktar reċenti ta' din il-Qorti, fl-ismijiet **Alexander Caruana *et vs* Carmel Gauci** deċiża fit-3 ta' Ottubru, 1991, it-tnaqqis ta' l-20% minħabba l-*lump sum payment* ma sarx. F'dan il-każ, kienu għaddew ħames snin u disa' xhur minn meta ġara l-inċident li fih l-attriċi sofriet l-inkapaċità. Iżda, fil-fehma ta' din il-Qorti, dak li wassal lill-Qorti biex tirrifjuta li ssir id-deduzzjoni kien il-fatt li r-responsabbilità għall-inċident

ma kienet qatt ġiet ikkontestata, li ċertament m'huwiex il-każ fil-kawża odjerna. Fl-imsemmija kawża, jidher li s-soċjetà assiguratriċi tal-konvenut kienet disposta li tħallas id-danni sofferti mill-atturi fil-vettura tagħhom, iżda mhux id-danni *riżultanti mill-imsemmija* inkapaċità ta' l-attriċi. Kwindi, hemm baħar jaqsam bejn il-fatti tal-lum u dawk tal-kawża fuq riportata;

Din il-Qorti jidhrilha li, fil-kawża odjerna, l-anqas m'hu indikat li minflok it-tnaqqis ta' 20% ikun hemm deduzzjoni ta' 10%. Fil-kawża odjerna ma jistax jingħad li kien hemm xi dewmien *esaġerat*. *Difatti*, bdiet *f'Ottubru 1989 u qiegħda tiġi* deċiża f'inqas minn erba' snin – perijodu li meta jitqies kollox ma jista' jitqies twil taħt l-ebda aspett. Wara kollox, id-deduzzjoni ta' l-20% minħabba l-*lump sum payment* skond il-metodu bażi **Butler vs Heard** issir bħala raġuni ta' moderazzjoni u, għalhekk, f'ċirkostanzi eċċezzjonali biss wieħed għandu jiddepartixxi minn din ir-regola;

Illi, għalhekk, wara li l-Qorti għamlet il-korrettivi u l-aġġustamenti t'hawn fuq qiegħda tgħaddi biex tillikwida l-ammont li l-konvenut għandu jħallas lill-atturi taħt il-kap ta' *'lucrum cessans'* fis-somma ta' Lm34026.67 (22 x Lm2900 = Lm63,800 – 20% = Lm51,040 – Lm171013.33 (⅓ ta' Lm51,040); liema ammont għall-prattiċità qiegħed jiġi arrotondat għal Lm34026.00;

Il-perit legali illikwida d-danni dovuti lill-atturi taħt il-kap ta' *'damnum emergens'* fis-somma ta' Lm500.00. Din is-somma tirrappreżenta l-valur tal-*Mini*, li kienet *'total loss'* (ara ritratti esibiti), wara li l-istess perit legali *'arbitrio boni viri'* ffissa l-valur tagħha fis-somma ta' Lm650.00 u naqqas is-somma ta' Lm150.00 li l-attriċi Maria Pace jirriżulta li daħħlet mill-bejgħ

tal-*Mini* bħala karkassa;

Il-konvenut ma kkontesta bl-ebda mod din il-likwidazzjoni, kif *del resto* l-anqas ma kkontesta l-ammont ta' *'lucrum cessans'* likwidat u, għalhekk, din il-Qorti ma ssib xejn li huwa ċensurabbli u tapprovaha;

L-ammont totali tad-danni likwidati favur l-atturi huwa, għalhekk, fis-somma ta' Lm34562.00;

Ikkunsidrat:

Illi meta ġiet intavolata l-kawża, l-attriċi Maria Pace kienet qiegħda taġixxi f'isimha proprju u bħala leġittima rappreżentanti ta' uliedha minuri Rose u Josanne. Jidher li wara l-mewt ta' żewġha u qabel ma saret il-kawża, l-armla Pace intavolat il-proċeduri neċessarji quddiem is-Sekond'Awla u ġiet awtorizzata li taċċetta, għan-nom ta' l-imsemmijin uliedha minuri, il-wirt ta' missierhom bil-baneficċju ta' l-inventarju (ara Dok. MP1 a fol. 82). Għalhekk, kemm Rose Pace, kif ukoll oħtha minuri Josanne jinsabu f'dan il-ġudizzju *qua eredi;*

Fir-rigward ta' l-attriċi Maria Pace, għad li din mhux 'eredi' ta' żewġha, jingħad li għandha l-interess u, kwindi, id-dritt li f'isimha proprju tunixxi ruħha ma' uliedha, eredi ta' żewġha, fl-azzjoni kontra l-konvenut u kif, imbagħad, l-ammont akkordat mill-Qorti jiġi allokat bejn l-attriċi u uliedha hija kwistjoni ta' bejniethom skond il-liġi (ara App. Ċiv. **Cini *vs* Galea** Kollez. *XLII.1.517*; ***Giuseppa Bonnici vs Massimiliano Felice et,*** 15-1-1971);

L-atturi, b'rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar 1993, talbu

lil din il-Qorti sabiex, a skans ta' proċeduri oħra fil-futur, u f'każ li din il-Qorti tillikwida d-danni favur tagħhom, tgħaddi biex taqsam bejniethom l-ammont tad-danni hekk likwidat u in sostenn tat-talba kontenuta fl-istess rikors huma ppreżentaw nota studjata ħafna li biha rriferew għall-prattika adottata mis-Sekond'Awla ta' dil-Qorti li fil-każ ta' danni likwidati bħala *lucrum cessans* minħabba l-mewt ta' raġel/missier dawn jiġu ripartiti b'mod li l-armla tieħu nofs u l-ulied jieħdu n-nofs l-ieħor. Saret ukoll referenza, fl-imsemmija nota, għall-atti tal-kawża **Carmel Busuttil *pro et noe* vs Francis Spiteri *noe*** (ċed. 27-06-1978) fejn, wara rikors tal-kontendenti, il-Qorti tal-Kummerċ approvat li s-somma tad-danni in segwitu għall-mewt ta' żewġ l-attriċi tiġi ripartita billi nofs imur fuq l-armla u n-nofs l-ieħor imur fuq it-tliet ulied minuri fi kowti ndaqs bejniethom;

Din il-Qorti, li għandha ġurisdizzjonii konkorrenti mas-Sekond'Awla, tħoss li għandha timxi fuq l-iskorta tal-prassi fuq aċċennata u anki fuq l-iskorta tad-digriet mogħti fl-imsemmija kawża u, għalhekk, qiegħda tipprovdi fuq l-imsemmi rikors fil-parti depositiva ta' din is-sentenza;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi l-kawża billi (1) tiddikjara illi l-konvenut kien unikament responsabbli għall-inċident stradali li ġara fit-13 ta' Diċembru 1985 bħala konsegwenza tiegħu sofra l-mewt l-imsemmi Michael Pace; (2) tillikwida d-danni rreklamati fiċ-ċitazzjoni bħala konsegwenza ta' l-istess inċident fis-somma ta' erbgħa u tletin elf ħames mija u sitta u għoxrin lira Maltija (Lm34526.00) għar-raġunijiet fuq imsemmija; (3) tikkundanna lill-konvenut li jħallas lill-atturi *proprio et nomine* l-istess somma ta' erbgħa u tletin elf ħames mija u sitta u għoxrin lira Maltija (Lm34526.00) in linea ta'

danni; b'dan li l-imsemmija somma għandha titħallas bl-imgħax legali mil-lum u permezz *ta'* att pubbliku li għandu jiġi ppubblikat min-Nutar Dottor Henri Vassallo, li qiegħed jiġi nnominat għal dan l-iskop, lill-attriċi Maria Pace f'isimha proprju u bħala leġittima rappreżentanta ta' bintha minuri Josanne Pace bl-assistenza ta' l-avukat tagħha Dottor Joseph M. Buttigieg, li qiegħed jiġi nnominat għal dan l-iskop u lill-attriċi Rose Pace; liema somma, imbagħad, għandha tiġi spartita bejn l-attriċi Maria Pace u uliedha inkwantu għal nofs lill-istess Maria Pace *proprio* u in kwantu għan-nofs l-ieħor ugwalment bejn l-istess Maria Pace *nomine* u l-attriċi Rose Pace; b'dan li s-sehem tal-*minuri għandu jiġi ddepożitat* mill-attriċi Maria *Pace, bl*-assistenza ta' l-Avukat imsemmi, f'depożitu fiss mal-*Mid-Med Bank Limited* fil-fergħa *taż*-Żejtun. L-imsemmi Avukat għandu, wara li jsir l-imsemmi pagament u depożitu, jippreżenta nota fl-atti ta' din il-kawża fejn jagħti lill-Qorti rendikont ta' l-operat tiegħu u b'mod partikolari jindika n-numru tal-ktieb tad-depożitu;

L-ispejjeż kollha tal-kawża, kompriżi l-ispejjeż u drittijiet tan-Nutar u ta' l-imsemmi Avukat Difensur in konnessjoni ma' l-inkarigu lilhom mogħti għandhom jiġu sopportati mill-konvenut.